KUNSILL LOKALI

**MOSTA**

LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 28 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 26 ta' Settembru 2013 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.50 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.45p.m. | 10.35p.m. |
| Viċi Sindku Joseph De Martino | 7.30p.m. | 10.35p.m. |
| Kunsillier Alexander Muscat | 7.55p.m. | 10.35p.m. |
| Kunsillier Abraham Bezzina | assenti | |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | skużata | |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.40p.m. | 10.35p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | assenti | |
| Kunsillier James Cassar | 7.40p.m. | 10.35p.m. |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.40p.m. | 10.35p.m. |
| Kunsillier David Meilak | assenti | |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.50p.m. | 10.35p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00(a) Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 27- 29 ta' Awwissu 2013**

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 27 tad-29 ta' Awwissu, 2013 kienu intbagħtu qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament b'żewġ korrezzjonijiet fl'agenda item numru 6.00-Ġieħ il-Mosta kif ġej:

Fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 6.00 inqataw il kliem **"kemm il-unur"** u ddaħlu l-kliem **"lil-kemm il-persuna/għaqda".**

Iddaħlu wkoll il-kliem **"lil-tliet persuni/għaqda"** minflok il-kliem **"tliet unuri"** fit-tieni sentenza tal-paragrafu 6.00.

**2.00 Punti Imqajjma mill-Minuti**

F'dan il-ħin il-Viċi-Sindku s-Sur Joe De Martino irrefera għal-laqgħa li kellha ssir fl-okkażjoni tal-għeluq tal-programm 'Archaeotour' u li għaliha kienu ser jattendu rappreżentanti tal-partners involuti fosthom minn Sqallija, u qal li kien xieraq li għal din

il-laqgħa jiġi mistieden ukoll is-Sur Arturo Mingardi li kien il-persuna li bis-saħħa tiegħu kien sar l-ġemellagg bejn il-Kunsill Lokali tal-Mosta u dak ta' Ragusa.

Il-Kunsillier is-Sur Alex Muscat staqsa x'kienet is-sitwazjoni dwar il-lift taċ-ċentru ċiviku wara li dan kien inżamm wieqaf għal diversi ġranet minħabba ħsarat. L'Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li kienu ġew maħtura żewġ rappreżentanti mid-Direttur tas-Saħħa Primarja fil-Ministeru tas-Saħħa sabiex jattendu għal-laqgħa bejn il-Kunsill tal-Mosta u d-Dipartiment tas-Saħħa fejn kellhom jiġu diskussi diversi problemi li jeżistu fl-użu tal-komun taċ-ċentru ċiviku fosthom il-problema tal-lift u l-bżonn tar-reviżjoni tal-arranġamenti dwar kif għandhom jitħallsu spejjes relatati mal-lift. Is-Sindku qalet li l-lift qed ikollu bżonn ta' manutenzjoni u tiswija regolari tant hu hekk li l-kuntrattur li għamel dan x-xogħol informa lill-Kunsill li fi żmien qarib l-lift ser ikollu bżonn jinbidel.

**Sospensjoni tar-Regolamenti**

Intalbet u ġiet approvata sospensjoni tar-regolamenti sabiex isir l-item numru 8 tal-agenda Aġġudikazjoni tat-Tenders u ġie approvat li l-Perit Maurice Galea jipparteċipa fil-laqgħa sabiex jispjega r-rapport tiegħu tal-evalwazjoni.

**Tender KLM 04/13 –Provision of a Service for an Architect.**

Is-Sindku Dott. Shirley Farrugia spjegat il-kumplessita tal-proċedura tal-evalwazjoni ta' dan it-tender. Hija spjegat l-Evaluation Matrix li fuqa ġew mogħtija l-punti u nqara r-rapport tal-Kumitat tal-Aġġudikazjoni tat-Tenders.

Il-Perit Maurice Galea spjega fid-dettall ir-rapport tal-evalwazjoni li huwa kien għamel u l-metodoloġija u r-razzjonal li intuża meta huwa ġie biex jalloka l-punteġġ fid-diversi kategoriji tal- 'Evaluation Matrix' li ntużat fl-aġġudikazjoni ta' dan it-Tender.

Is-Sindku qalet li wara li-Kumitat għarbel sew u fehem il-metodu ta' kif ingħataw dawn il-punteġġi, l-Kumitat iddeċieda li jressaq dan ir-rapport għad-deċiżjoni tal-Kunsill.

Meta saret il-mistoqsija l-Kunsilliera kollha preżenti qablu unanimament li jilqaw r-rakkomandazjoni tal-Perit Maurice Galea u ġie approvat li t-Tender għandu jingħata lil-D T R.

**3.00 Materji Finanzjarji**

**a) Lista ta' Pagamenti**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lista ta pagamenti li tammonta għas-somma ta' €105,526.31.

Is-Segretarju irrisponda għal xi domandi u kjarifiki tal-Kunsilliera fuq diversi items mill-lista. Il-Kunsill approva unanimament il-lista. Is-Segretarju spjega li l-ammont ta' €12,843.06 huwa ta' items relatati mal-proġett Archaeotur u dawn jiġu rifużi lil Kunsill . L-ammont li jipartjeni għall spejjes diretti tal-kunsill huwa ta' € 92,683.25.

**b) Lista tal-Works Orders**

Ġiet ippreżentata lista ta works orders . Din ġiet aprovata unanimament kif ippreżentata.

**c) Lista tal- Purchase Orders**

Ġiet approvata unanimament lista ta' Purchase Orders kif ippreżentata u annessa ma dawn il-minuti.

**d) Presentation Accounts Quarterly Returns**

Ġie deċiż unanimament li dan l-item jitħalla għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss u l-accountant is-Sur Michael Debono jintalab jattendi l-laqgħa. Is-Segretarju intalab li meta jerġa jiltaqa l-Kunsill jiġu ppreżentati wkoll il-Quarterly Returns għal perjodu Lulju/Settembru 2013.

## 4.00 Korrispondenza

Ġiet ippreżentata lista ta' 4 items ta korrispondenza. Id-deċiżjonijiet huma annessa ma dawn il-minuti.

## 5.00 Nuclear Shelter – Request for devolution

Is-Sindku Dott. Shirley Farrugia spjegat li kien hemm il-ħsieb li jitkompla l-proġett tar-restawr u reġenerazzjoni tan-Nuclear Shelter li jinsab taħt il-Ġnien L-Għarusa tal-Mosta. Hija fakkrett li kien sar ħafna xogħol u ntefqu ħafna spejjes fuq l-ippjanar ta' dan il-proġett mill-Kunsill preċedent u għalhekk hija talbet u ġie approvat unanimament li l-Kunsill jitlob id-devoluzjoni jew 'guardianship' ta' dan is-shelter sabiex jitkompla x-xogħol meħtieġ. Hija qalet li ħa titlob laqgħa mal-partijiet kollha interessati li jistgħu jipparteċipaw f'dan il-proġett.

## 6.00 Rapporteur's Report after Public Consultation on Local Plans

Il-Kunsillier James Cassar ipprepara rapport dwar dan l-item. Huwa spjega dwar l-eżitu tal-laqgħa pubblika li saret mar-residenti tal-Mosta u li fiha l-Perit Stephen Farrugia għamel preżentazzjoni fuq is-suġġett. Ir-residenti preżenti intalbu jagħmlu l-kummenti tagħhom. Huwa qal li għalkemm diversi kummenti tal-parteċipanti ma kienux relevanti mas-suġġett tal-laqgħa, kien hemm kummenti u suġġerimenti oħrajn li kienu validi u li ġew inklużi fir-rapport tiegħu. Fost dawn kien hemm kummenti dwar żona ħdejnTriq il-Kbira li kienet ippjanata li tingħaqad mar-ring-road li kien hemm ippjanata li iżda ma saritx, dwar l-użu futur tal-bini tal-MCAST, dwar proprjetajiet (bini) vojta, dwar il-'*village core*', dwar bini f'nofs Triq il-Ħtajriet, u dwar bżonn ta' aktar faċilitajiet sportiv.

Is-Sindku qalet li kien hemm bżonn li meta isiru talbiet għal PCs lill-MEPA, l-applikanti jiġu mitluba li jinkludu żoni ta' '*green areas*' fiż-żoni li kienu ser jiġu żviluppati.

Is-Sindku nfurmat li kien ser issir rapport u jiġi ppreżentat lil-MEPA wara li dan jiġi iċċirkulat lil-Kunsilliera kollha għal-kummenti tagħhom.

## 7.00 Update of Questionnaire – Re Timing of Domestic Refuse Collection

Ġie ippreżentat rapport dwar s-survey li kien sar mar-residenti kollha Mostin. Il-Kunsill irċieva ftit iktar minn 6 mitt kwestjonarju mimlija mir-residenti li minnhom 60 fil mija esprimew xewqa li skart jkompli jinġabar filgħaxija. Il-Kunsill allura ma għandhux triq oħra ħlief li l-iskart jibqa jinġabar filgħaxija.

## 8.00 Affarijiet Oħra

Ġew approvati unanimament li jsiru dawn l-attivitajiet:

Il-Kunsilliera Marthese Mifsud - Ħarġa fis-26 ta' Ottubru, 2013 għal-Aquarium fil-Qawra. Il-Kunsill jipprovdi t-trasport meħtieġ.

Il-Kunsilliera Marthese Mifsud – Ħarġa fid-9 ta' Novembru, 2013 għal-Mużew fil-Kwartieri tal-Pulizija fil-Floriana. Il-Kunsill jipprovdi t-trasport meħtieġ u jkopri l-ispejjes tal-entratura għal dan il-Mużew.

Il-Kunsilliera Marthese Mifsud – Użu tas-Sala tal-Kunsill sabiex tiġi organizzata Attivita' tal-Milied. Il-Kunsill jipprovdi xi drinks u refreshments żgħar.

Ġie approvat ukoll li ssir il-Birdshow fuq bażi tas-snin l-imgħoddija.

Ġie approvat ukoll li issir attivita ta' Talent Concert u l-Kunsill jipprovdi xi refreshments għal din l-attivita.

## 9.00 Aġġornament

Il-Laqgħa spiċċat fil-10.35 ta' filgħaxija. Laqgħa oħra tal-Kunsill għandha ssir il-Ħamis 31 ta' Ottubru 2013 fis-7.30 ta' filgħaxija.

Dott. Shirley Farrugia
Sindku

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv